

31997L0058

L 274/8

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

7.10.1997

ID-DIRETTIVA TAL-KUMMISSJONI 97/58/KE**tas-26 ta' Settembru 1997****li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 94/57/KE dwar ir-regoli u l-istandards komuni għall-ispezzjoni tal-bastimenti u l-organizzazzjonijiet tal-perizji u għall-attivitajiet rilevanti ta' l-amministrazzjoniet marittimi****(Test b'relevanza ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 94/57/KE tat-22 ta' Novembru 1994 dwar ir-regoli u l-istandards komuni għall-ispezzjoni tal-bastimenti u l-organizzazzjonijiet tal-perizji u għall-attivitajiet rilevanti ta' l-amministrazzjoniet marittimi ⁽¹⁾, u partikolarment l-Artikolu 8 ta' dan,

Billi l-Anness tad-Direttiva 94/57/KE hu bbażat fuq ir-Resoluzzjoni IMO A.739(18) fuq il-linji ta' gwida għall-awtorizzazzjoni ta' organizazzjonijiet li jaġixxu għal-amministrazzjoni;

Billi l-Assemblea ta' l-IMO fid-19-il sessjoni adottat Resoluzzjoni A.789(19) fuq speċifikazzjonijiet fuq is-survey u funzjonijiet ta' ċertifikazzjoni ta' organizzazzjonijiet rikonnoxxuti li jaġixxu għall-amministrazzjoni;

Billi l-ispeċifikazzjonijiet imniżżla fir-Resoluzzjoni ta' l-IMO A.789(19) iridu jkunu konsidrati bħala attachment għal linji ta' gwida mniżżla fir-Resoluzzjoni IMO A.739(18);

Billi, għall-iskopijiet tad-Direttiva 94/57/KE, huwa xieraq li jin-korporaw id-dispożizzjonijiet ta' l-IMO A.789(19) fl-Anness għad-Direttiva imsemmija, sakemm hu applikabbli;

Billi l-miżuri provduti għalihom f'din id-Direttiva huma skond l-opinjoni tal-Kumitat imsemmi fl-Artikolu 7 tad-Direttiva 94/57/KE,

ADOTTAT DIN ID-DIRETTIVA:

L-Artikolu 1

Fl-Anness għad-Direttiva 94/57/KE il-paragrafu 7 li ġej hu miżjud mat-Taqsima "A. ĠENERALI":

- "7. L-organizzazzjonijiet iridu jaħdmu skond id-dispożizzjonijiet imniżżla fl-Anness għar-Resoluzzjoni IMO

A.789(19) fuq speċifikazzjonijiet fuq is-survey u funzjonijiet ta' ċertifikazzjoni ta' organizzazzjonijiet rikonnoxxuti li jaġixxu għall-amministrazzjoni, sakemm jkopru suġġetti li jaqaw fl-iskop ta' din id-Direttiva."

L-Artikolu 2

1. L-Istati Membri għandhom iġibu fis-seħħ il-liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi neċessarji biex jħarsu ma' din id-Direttiva mhux aktar tard mit-30 ta' Settembru 1998.

2. Fejn l-Istati Membri jadottaw dawn id-dispożizzjonijiet, għandhom ikollhom referenza għal din id-Direttiva jew se jkunu akkompanjati minn referenza bħal din fuq l-okkazzjoni tal-pubblikazzjoni uffiċjali. Il-metodi li jagħmlu referenza bħal din għandhom ikunu provduti mill-Istati Membri.

3. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw minnufih lill-Kummissjoni t-test tad-dispożizzjonijiet kollha tal-liġi domestika li għandhom jadottaw fil-kamp regolat minn din id-Direttiva. Il-Kummissjoni għandha tinforma lill-Istati Membri ta' dan.

L-Artikolu 3

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-20-il ġurnata minn wara l-pubblikazzjoni tagħha fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

L-Artikolu 4

Din id-Direttiva hi indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussel, fis-26 ta' Settembru 1997.

Għal-Kummissjoni

Neil KINNOCK

Membri tal-Kummissjoni

⁽¹⁾ ĠU L 319, tat-12.12.1994, p. 20.